*Alexander Bonnici OFM Conv., HED, SThL, PhB.*

# ĦAD-DINGLI
## Ħidma Parrokkjali li ma qatgħetx għal 325 sena
## (1678 - 2003)

### ❍ PARROĊĊA LI ĦABBEJTHA

Ħamsa u għoxrin sena ilu, fl-1978, meta Ħad-Dingli kien qiegħed jiċċelebra t-tielet ċentinarju mill-erezzjoni tal-parroċċa, jiena bdejt il-ħidma tiegħi għal dan il-post. Bil-kemm kont nafu lil Ħad-Dingli. Imma llum, inżilt fil-fond ħafna ta' ġrajjietu. Kien il-Kappillan Dun Karm Frendo li talabni għall-ewwel darba u bqajt naħdem ma' kull kappillan sa żmien Dun Reuben Deguara. Aċċettajt ukoll l-istedina tas-Sindku Joe M. Abela biex nikteb storja sħiħa tal-post u tal-parroċċa. B'hekk lil Ħad-Dingli, jiena sirt inħobbu. Kif omm tħobb lil uliedha kollha, hekk ukoll storiku isir iħobb lil dawk il-postijiet kollha li dwarhom ikun kiteb u jsiru għalih daqs li kieku kienu wliedu.

### ❍ IL-ĠRAJJA NISRANIJA

Kulħadd jaf li l-ġrajja ta' Ħad-Dingli ma bdietx fl-1678. Teħodna sa qabel Kristu. Imma hawn m'għandix f'moħħi ħlief il-ġrajja nisranija ta' dan il-post fuq għolja u li ssaħħrek għal tant raġunijiet. Imma, għalkemm il-preżenza ta' kappillan ma qatgħet qatt mill-1678 'il hawn, ma naħsbux li l-parroċċa bdiet f'dik is-sena. Kien hemm il-parroċċa ta' Santa Duminka li kienet f'Ħal Tartarni fuq in-naħa l-oħra tal-Buskett. Imma din waslet biex mietet għal kollox. Il-popolazzjoni ġiet lejn Ħad-Dingli. Il-ħarsien u l-għajnuna d-Dinglin stennewhom dejjem minn Marija, Omm Alla, li qimuha taħt it-titlu ta' l-Assunta.

Fis-sena 2000, jiena ppubblikajt il-volum li jwassal sal-bidu ta' żmien il-kolonjaliżmu ta' l-Ingilterra. Jekk nitfgħu ħarsitna lejn ġrajjiet dan il-post, mill-1678 sa żmien il-wasla ta' l-Ingliżi, naraw li hu diffiċli li titkellem fuq Ħad-Dingli u, b'xi mod, ma ddaħħalx il-ħajja nisranija, u naturalment lill-kappillani li kienu jmexxu lill-parroċċa.

Diversi *Status Animarum* ta' l-ewwel żmien juruna li kienet parroċċa tassew nisranija. In-nies iffrekwentaw il-knisja u resqu għas-sagramenti. Madankollu, dan ma ġiebx miegħu li huma jafu x'kien ifisser għalihom twemminhom. Kien diffiċli għall-kappillan biex ilaqqagħhom ħalli jgħallimhom xi ħaġa. Ma kienx possibbli li jlaqqa' lanqas lit-tfal. Lis-subien, missierhom, minn filgħodu kmieni, kien ikaxkarhom miegħu fl-għalqa. Il-bniet kienu jibqgħu ma' djul ommhom, u lanqas biss ma għaddielhom minn rashom li jmorru lejn il-knisja biex jisimgħu



*Dehra ta' Għar il-Kbir li għal snin twal kien fil-limiti ta' Ħad-Dingli.*

xi quddiesa jew għal xi katekiżmu jekk ommhom ma tmurx magħhom. Meta bdiet dieħla l-iskola, it-tfal ta' Ħad-Dingli, għall-ewwel, ma ridux jafu biha.

## ❍ TAMA B'PASSI TQAL

Numru ta' familji baqgħu jgħixu f'Għar il-Kbir. Kienu neqsin minn kollox u l-iġjene ma kinitx teżisti. Xi biċċa xkora biss kienet tifred familja minn oħra. Imma l-ewwel saċerdot ħareġ proprju minn Għar il-Kbir. Kien Rafel Camilleri li ħalla Ħad-Dingli u Malta, u sar Kapuċċin li ma kienx patri komuni.

L-għeluq ta' żmien il-Kavallieri u l-miġja ta' l-Ingliżi ġiebu ftit tama ta' żmien aħjar. Imma dan ma wasalx malajr. Is-seklu dsatax kollu kemm hu kien wieħed ta' tbatija. Meta jkun qiegħed jinqara dan l-artiklu, ikun wasal biex joħroġ it-tieni volum ta' l-istorja ta' dan il-post. Naslu proprju sa żmienna. Jiena sejjaħt il-volum *Ir-Raħal li jikber u jieħu r-ruħ.*

Għall-kappillani, baqa' jinħass ħafna l-fatt li r-raħal kien maqtugħ wisq miċ–ċentru ta' Malta. Kienu kappillani li ġew f'Ħad-Dingli minn postijiet oħrajn. Nistgħu ngħidu li, għal kollha kemm huma, il-parrokat ta' Ħad-Dingli ma kienx ħlief bħal tarġa biex minn hawn imorru f'parroċċa oħra. Kien hawn f'Ħad-Dingli persunaġġi magħrufin. Twieldu f'Ħad-Dingli l-aħwa Mattew u Xandru Cortis. Laħqu qassisin. Mattew ried isir kappillan f'Ħad-Dingli; imma ma rnexxilux. L-ieħor, Dun Xand, sar magħruf ħafna iżjed, imma mhux f'Ħad-Dingli. Sar letterat ta' isem bil-kitbiet tiegħu. Ixxennaq għal Ħad-Dingli Dun Pawl Azzopardi, li kien twieled f'dan il-post. Sar kappillan, u kellu parrokat twil (1913-1932). Kienet ħaġa rari għal Ħad-Dingli. Hu miet ukoll bħala kappillan. Dan ukoll kien rari. Imma, ftit wara, kappillan ieħor li kien Dun Karm Azzopardi miet hu wkoll f'Ħad-Dingli.

## ❍ IL-ĦAJJA SOĊJALI U ARTISTIKA

Ġrajjiet il-kappillani jimlew l-istorja ta' Ħad-Dingli. Ħafna mill-opri ċivili saru bl-interess ta' xi kappillan. Il-Gvernatur William Reid irranġa t-toroq ta' Ħad-Dingli għaliex il-kappillan Dun Indri Mallia kien għaraf jaqbad ħbiberija miegħu. Skulturi u artisti ta' isem ġew mistiedna biex jagħmlu xi opra fil-parroċċa. Fost dawn, insibu lill-istatwarju Karlu Darmanin u lill-pitturi Virginio Monti u Ġużè Calì. Il-kappillani, mhux biss għenu lill-għaqdiet insara biex jidħlu f'Ħad-Dingli, imma kienu wkoll waqqfu huma stess għaqdiet biex jintlaħqu l-kategoriji kollha tal-poplu. Il-Beatu Ġorġ Preca ħadem biex il-Museum daħal f'Ħad-Dingli, u l-kappillani taw appoġġ lil din is-Soċjetà: mhux biss għall-fergħa maskili, imma wkoll għal dik femminili.

Ħaġa waħda xtaqu iżjed il-kappillani u ma rnexxilhomx. Kien mixtieq li jkollhom komunitajiet ta' sorijiet. Daħlu s-Sorijiet ta' San Ġużepp ta' l-Apparizzjoni. Għenu s-Sorijiet Dorotej. Imma l-ħajja tagħhom fil-post ma ħaditx fit-tul. Ilmentaw magħhom il-kappillani talli ma ssaportewx iżjed iż-żmien diffiċli. Kollox seta' jirranġa biż-żmien. Imma kien ta' faraġ għall-kappillani li daħlet is-Soċjetà Salesjana. Għall-ewwel darba, twaqqfet f'Ħad-Dingli skola sekondarja mibnija fuq prinċipji nsara. Barra minn hekk, il-parroċċa gawdiet u għadha tgawdi ħafna mill-għajnuna pastorali li tingħata, u l-iżjed bl-edukazzjoni li tingħata lit-tfal.

## ❍ GWERRA U REFUĠJATI

Rajna wkoll lill-kappillani jnewlu jdejhom kontinwament fiż-żmien l-iżjed ikrah. Dehru jmexxu lill-poplu l-kappillani Lanzon u Azzopardi tul it-Tieni Gwerra Dinjija. Offrew darhom stess ħalli jsiru l-laqgħat meħtieġa. Fetħu jdejhom kompletament għall-ħafna refuġjati li ġew f'Ħad-Dingli. Tawhom fejn joqgħodu saħansitra l-knisja ta' Santa Duminka. Ma qablux magħhom lanqas xi uħud mill-awtoritajiet. Imma kienu għamlu sewwa li nqdew bil-knisja biex għamlu minnha post ta' kenn.

Ferħet ukoll il-komunità nisranija ta' Ħad-Dingli meta rat lil x'uħud fost l-aħjar minn uliedha jħalluha u jħaddnu xi istitut ta' ħajja kkonsagrata. Dawn marru jaħdmu wkoll f'artijiet ta' missjoni, u għaddew fihom ħajjithom kollha kemm hi. Kollha kienu ta' merti kbar, u xi uħud minnhom kisbu ġieħ li ma jintesa qatt bħalma hu dak ta' l-Isqof Dumnikan Walter M. Ebejer. Fil-qasam ċivili u politiku, hemm oħrajn li ssemmew ħafna u kienu ta' livell għoli. Imma hawn qed nitkellmu fuq dawk li ħadmu id f'id mal-Knisja. Madankollu, anki minn fost dawn il-lajċi, insibu xi uħud li kienu qishom l-id il-leminija tal-kappillan. Għad hemm minn dawn, anki fost iż-żgħażagħ, fi żmienna wkoll.

## ○ DAK LI JGĦAQQADHOM

Id-Dinglin ukoll għandhom xi elementi li jaqsmuhom. Imma l-kappillani jħossuhom jitfarrġu għaliex jafu li hemm xi ħaġa li lilhom tgħaqqadhom u tressaqhom lejn xulxin. Din hi l-festa ta' Santa Marija. Qatt f'Ħad-Dingli ma ppruvaw iqajmu xi festa li lilhom begħdithom minn xulxin. Huma lkoll jifirħu b'Santa Marija, u jingħaqdu lkoll fit-talb f'festi bħal Corpus, id-Duluri u l-Madonna tar-Rużarju.

Din hi ħarsa ħafifa lejn Ħad-Dingli. Kull min, bħali, ma jkunx minn Ħad-Dingli, u jmiss ma' dan il-post, jibqa' jħobbu. Isib ħafna x'japprezza fih, u jħoss x'jimbuttah ħalli jagħmel xi ħaġa biex lil Ħad-Dingli jagħmlu aħjar. Jiena tajt is-sehem tiegħi billi lid-Dinglin għenthom jingħaqdu mad-Dinglin ta' kull żmien. Illum, iħossuhom jifirħu meta jsiru jafu kemm ħareġ ġid minn missirijiethom ta' mijiet ta' snin ilu. Il-kappillani kollha tagħhom ta' kull żmien, mhux biss ressquhom lejn Alla u lejn xulxin, imma għenuhom biex itaffu l-problemi ta' din id-dinja li tant drabi hi kiefra mal-fqir u ma' dak li jkun bla skola. Kull meta nqalgħalhom xi għawġ u kull meta kellhom bżonn ta' xi għajnuna, huma ħabbtu dejjem il-bieb tad-dar ta' xi qassis. Ħaġa waħda dejjem xtaqu. Huma xtaqu li jkollhom iżjed qassisin fil-post. Ġie li lmentaw ukoll. Kemm-il darba kellhom kappillani li ntrabtu magħhom bl-imħabba. Imma, ħabta u sabta, bla ma stennewh, il-kappillan inbidlilhom. Ġie li kienet bħal ħasda għalihom. Imma l-kappillan il-ġdid li jmur fosthom iżurhom ġo darhom, jurihom li qiegħed hemm għal kull wieħed u waħda minnhom. Fil-ġdid, huma jsibu t-tajjeb li jkunu ħasbu li tilfuh bil-bdil ta' persuna li kienu ħabbewha.

## ○ ĦAD-DINGLI DIFFERENTI


*Deħra ta' Ħad-Dingli mill-ajru.*

Ħad-Dingli tal-lum m'għadux dak ta' l-imgħoddi. Kien hemm żmien meta ma kienx hemm wieħed li ma kellux biċċa għalqa li kien jaħdimha, u jaqla' x'jiekol minnha. Illum, il-post infirex. Ġew f'Ħad-Dingli ħafna li ma jafu xejn mit-tradizzjonijiet ta' l-imgħoddi. Sa ftit żmien ilu, huma u l-kappillan kienu jiffurmaw verament familja waħda. Illum, il-kappillan isibha aktar diffiċli minn dawk ta' qablu. Ma jafx mill-qrib kull familja kif kienu jafuha dawk ta' l-imgħoddi. Hemm ukoll periklu li qed jikber. Ikun hemm dawk li għandu mnejn qatt ma jarahom jersqu lejh u lejn il-knisja. Imma l-poplu ta' Ħad-Dingli għadu wieħed li ma jaqtax qalb lil min ikun irid jgħinu. B'differenza mill-imgħoddi, illum ilkoll jistudjaw. Kollha joħorġu 'l barra mill-post, jaqbdu kuntatti ma' oħrajn. Hemm ukoll dawk li kisbu postijiet tajbin fis-soċjetà. Ħad-Dingli għadu jnissel tama fil-kappillan tiegħu li jkun jixtieq jagħmel mill-post familja waħda: li Kristu jkun ċ-ċentru tagħha, u li l-festa ta' Santa Marija tgħin biex tressaqhom iżjed lejn Alla u lejn xulxin.